# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.8

**Kap 6: Salvana**

**Lezzjoni 6.8: Ġesù miegħi kuljum**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jifhmu li Ġesù qiegħed dejjem magħna u jridna nagħmlu dak li hu tajjeb
2. Jifhmu li biex iħobbu lil Ġesù jridu jħobbu lill-oħrajn ukoll.
3. Jaħsbu kif fil-ħajja tagħhom ta' kuljum jistgħu jħobbu lil oħrajn billi jagħmlu dak li hu tajjeb.
4. Jagħrfu li meta jħobbu lil oħrajn ikunu tassew kuntenti.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Is-Salib tal-Imħabba (magħmul fil-lezzjoni 6.7)
- Flashcard bil-kelma **Ġesù**
- Preżentazzjoni għall-IWB **Ġesù miegħi kuljum**
- Link għall-kanzunetta **Choose the right way**

http://www.youtube.com/watch?v=Rg5PToelXIg



- **Karta ta' Taħriġ 6.6.**

**Naqsmu flimkien** – *(L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu)*

- Uri lit-tfal is-**Salib tal-Imħabba** li tkunu għamiltu flimkien fil-lezzjoni tal-qabel. Staqsi lit-tfal: X'jiftakru meta jaraw is-salib?
- Poġġi flimkien mat-tfal bil-qiegħda f'ċirku. Ipprepara siġġu żejjed fiċ-ċirku biex jibqa' vojt.
- Staqsi lit-tfal biex wara xulxin jgħidu isimhom. Meta kulħadd ikun qal ismu, inkluż l-għalliem, poġġi il-flashcard **Ġesù** fuq is-siġġu l-vojt.
- Għid lit-tfal li fil-klassi, għalkemm ma jidhirx, hemm Ġesù magħna. Wara li qam mill-mewt, Ġesù baqa' dejjem magħna biex jieħu ħsiebna għaliex iħobbna.
- Għid lit-tfal li issa flimkien ser naraw kif aħna l-Maltin niftakru fil-mewt ta' Ġesù u kif nifirħu li Ġesù qam mill-mewt. Iftaħ il-preżentazzjoni għal Starboard IWB **Ġesu' miegħi kuljum**. Fuq Page 1 hemm drawwiet differenti tagħna l-Maltin għal żmien l-Għid. Flimkien mat-tfal tkellem fuqhom. Hemm drawwiet li t-tfal huma aktar familjari magħhom, hemm oħrajn jistgħu jħajruhom biex jipparteċipaw iżjed fid-drawwiet tagħna bħala ġens.
  1. Il-bajd tal-Għid – biex ifakkarna bħal mal-fellus ħareġ minn ġol-bajda, hekk Ġesù ħareġ mill-qabar.
  2. Il-quddiesa – għaliex Ġesù jieħu gost meta mmorru nżuruh fid-dar tiegħu.
  3. Il-figolla – il-ħaruf ifakkarna f' Ġesù.
  4. Il-purċissjoni tad-Duluri, tal-Ġimgħa l-Kbira jew tal-Irxoxt – biex niftakru fl-istorja ta' Ġesù u niltaqgħu u nitolbu ma' nies oħrajn.
  5. L-Ikla tal-Għid – bħal Milied nieħdu gost niltaqgħu ma' tal-familja u nifirħu flimkien.
- Iftaħ il-Preżentazzjoni għall-IWB **Ġesù miegħi kuljum** fuq Page 2. Fuq il-bord jidher maze.

- Staqsi lit-tfal xi jridu jagħmlu meta jkollhom maze (jidħlu fil-maze min-naħa u joħorġu minn oħra).
- Imbagħad staqsihom xi jridu jagħmlu biex ma jintilfux:
    1. Jagħżlu t-**triq it-tajba.**
    2. Qabel ma jagħżlu triq, jiċċekkjaw fejn twassal (**iċċekkja).**
    3. Jekk jieħdu żball, jerġgħu lura u jippruvaw għal darb'oħra (**erġa' pprova**).
- Tista' tikteb dawn il-punti fuq il-wajtbord, forsi bi kliem aktar sempliċi (**kliem bold**).
- Stieden lil xi ħadd mit-tfal biex isib triqtu fil-maze.
- Għid lit-tfal ġieli aħna rridu nagħżlu triq u rridu nagħżlu bejn dik tajba u dik ħażina. U dejjem hemm xi ħadd magħna jgħinna biex nagħżlu tajjeb. Staqsi lit-tfal min jaħsbu li hu.Probabbli jaslu għaliha waħedhom, iżda jekk isibuha diffiċli tista' tikxef il-figura ta' Ġesù billi ċċaqlaq jew tneħħi sħaba sħaba. Meta jgħidulek Ġesù, oħroġ lil Ġesù minn wara s-sħaba.

**Nisimgħu flimkien**

- Għid lit-tfal li hemm xi ħaġa li Ġesù jixtieq li aħna nagħmlu biex tassew niftakru fih. Biex tagħti ħjiel ċaqlaq l-istampa tal-irxoxt biex tikxef l-istampa ta' taħtha. Staqsi lit-tfal x'jaħsbu li jrid minna Ġesù ( Li nħobbu lil xulxin). Ħeġġeġ lit-tfal biex jagħtuk eżempji prattiċi ta' kif jistgħu nħobbu lil xulxin.
- Għid lit-tfal li biex nħobbu lil xulxin hemm xi affarijiet li rridu nagħmlu u hemm oħrajn li aħjar ma nagħmlux. Għalhekk irridu nagħżlu dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin.
- Imxi għal Page 3 tal-Preżentazzjoni tal- IWB.

- Għid lit-tfal li dak it-tifel jismu Mark (jew xi isem ieħor) u jrid imur għand il-ħabib tiegħu. Waqt li kien mixi fit-triq biex imur għand ħabibu beda jiltaqa' ma' toroq li  jinfdu għal żewġt ibnadi.  L-annimali fit-triq bdew jagħtuh żewġ għażliet; waħda tajba u l-oħra ħażina.  Mark jrid jagħżel dak li hu l-aħjar biex ikun jista' jasal għand il-ħabib. Flimkien ma' Mark ser nagħżlu kif aħna nistgħu nħobbu aktar lil dawk ta' madwarna. Imxi minn Page għall-oħra waqt li ssir l-għażla:

    1. Ħalli lil kulħadd jilgħab jew iċċedix.
    2. Tellef lil sħabek tal-klassi jew oqgħod attent fil-klassi.
    3. Inki lil ħutek jew obdi lill-mamà u lill-papà.
    4. Sellef jew ħu xi ħaġa bla permess.
    5. Aħfer jew itlef il-ħin.
    6. Kun goff fil-logħob jew itlef il-ħin.

- Biex turi l-għażla li ssir tista' ddawwar lil Mark iħares lejn ix-xellug jew lejn il-lemin skont liema naħa tkun l-għażla t-tajba.  Dan issir billi tagħfas fuq l-istampa ta' Mark, tagħfas il-buttuna fil-panel t'isfel taż-żewġ vleġeġ, u tikklikkja fuq Flip horizontally skont il-bżonn.Page 8 qed turina lil Mark wasal għand il-ħabib tiegħu.  Min hu dan il-ħabib?  X'irridu naslu biex naslu għand dan il-Ħabib?
- Għid lit-tfal li Ġesù dejjem magħna biex aħna dejjem nagħżlu t-tajjeb. Imma aħna rridu nagħmlu dak li jixtieq Ġesù.
- Staqsi lit-tfal li kieku Mark għażel il-ħażin, fejn kien jasal.  Imxi għall-Page 9 fuq l-IWB.  Mark ma kienx jasal għand Ġesu' u ma jasal imkien.
- Stieden lit-tfal iħarsu lejn Karta ta' Taħriġ 6.6. Spjega x'irid isir u ħallihom   ipinġu l-kliem li jinsabu f'din il-karta

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)

a) L-Għid niċċelebrawh mhux biss bil-festi u l-ikel iżda billi nogħġbu lil Ġesù wkoll.
b) Nogħġbu lil Ġesù b'imġieba tajba.
c) Imġieba ħażina tbegħdna minn Ġesù u tagħmilna mdejqin.
d) Ġesu' dejjem magħna biex jurina liema hu t-tajjeb. Imma l-għażla f'idejna.

## Nagħżlu flimkien (Attitude)




Tajjeb jew Ħazin?
Meta nagħżlu li nagħmlu t-tajjeb u nevitaw li nagħmlu l-ħażin,

inkunu tfal kuntenti u nferrħu lil dawk li l-aktar iħobbuna.

## Niċċelebraw flimkien

- Permezz tal-link għall-kanzunetta Choose the right way it-tfal jisimgħu l-kanzunetta għall-diversi drabi.

**http://www.youtube.com/watch?v=Rg5PToelXIg**

**http://www.youtube.com/watch?v=cQ_Q858cWMQ**

## Nitolbu



*Ġesu' għinni ... biex inkun bħalek.*

(It-tfal isemmu xi ħaġa tajba li jistgħu jagħmlu)

- nċedi fil-logħob
- nobdi lil min jieħu ħsiebi
- nkuni qalbi tajba
- naħfer
- nagħmel dmiri fil-klassi
- nitlob